Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0027

Talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Petr Bystron

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta’ Frar 2026 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Petr Bystron (2025/2077(IMM))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Petr Bystron, imressqa b’ittra tal-24 ta’ Ottubru 2024 mill-Ministeru Federali Ġermaniż għall-Ġustizzja, li għaddiet talba mill-Kap Prosekutur Pubbliku ta’ Munich b’rabta mal-proċedimenti kriminali mressqa kontra Petr Bystron, u mħabbra fis-seduta plenarja fit-3 ta’ April 2025,

– wara li kkunsidra l-fatt li Petr Bystron irrinunzja għad-dritt tiegħu li jinstema’ skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta’ Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b’vot universali dirett,

– wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-21 ta’ Ottubru 2008, fid-19 ta’ Marzu 2010, fis-6 ta’ Settembru 2011, fis-17 ta’ Jannar 2013, fid-19 ta’ Diċembru 2019 u fil-5 ta’ Lulju 2023[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 46 tal-Liġi Bażika tar-Repubblika

---

1 Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta’ Ottubru 2008, *Marra* vs *De Gregorio u Clemente*, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta’ Marzu 2010, *Gollnisch* vs *Il-Parlament*, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta’ Settembru 2011, *Patriciello*, C 163/10, ECLI:EU:C:2011:543; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta’ Jannar 2013, *Gollnisch* vs *Il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta’ Diċembru 2019, *Junqueras Vies*, C-502/19, ECLI:EU:C:2019:1115; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta’ Lulju 2023, *Puigdemont i Casamajó et* vs *Il-Parlament*, T-272/21, ECLI:EU:T:2023:373.

Federali tal-Ġermanja,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A10-0009/2026),

A. billi l-Ministeru Federali Ġermaniż għall-Ġustizzja bagħat talba mill-Kap Prosekutur Pubbliku fi Munich għat-tneħħija tal-immunità ta’ Petr Bystron, Membru tal-Parlament Ewropew elett fil-Ġermanja, b’rabta ma’ allegati atti li jistgħu jammontaw għal frodi skont it-Taqsima 263(1) tal-Kodiċi Kriminali Ġermaniż, rigward allegata dikjarazzjoni falza b’rabta mal-iżborż ta’ allowance b’rata fissa;

B. billi, skont it-talba, Petr Bystron kien membru tal-Bundestag Ġermaniż mill-2017 sa Lulju 2024; billi fil-kapaċità tiegħu bħala membru tal-Bundestag Ġermaniż, huwa kien intitolat, skont it-Taqsima 12(3) tal-Att dwar il-Membri tal-Bundestag (AbgG), għal allowance b’rata fissa li tkopri, fost l-oħrajn, l-impjieg ta’ persunal; billi, fl-10 ta’ Novembru 2021, Petr Bystron iffirma kuntratt ta’ impjieg biex jimpjega membru tal-persunal bħala “uffiċjal klerikali/tajpista” fl-uffiċċju tal-kostitwenza tiegħu fi Munich; billi huwa allegat li bis-sottomissjoni tal-kuntratt ta’ impjieg lill-amministrazzjoni tal-Bundestag, Petr Bystron iddikjara espressament li dak il-membru tal-persunal se jkun qed jaħdem bħala uffiċjal klerikali/tajpista fl-uffiċċju tal-kostitwenza tiegħu; billi t-talba tindika li, fil-fatt, dak il-membru tal-persunal ma ħadimx bħala uffiċjal klerikali/tajpista; billi huwa allegat li minħabba l-informazzjoni żbaljata fil-kuntratt ta’ impjieg, l-amministrazzjoni tal-Bundestag assumiet, b’mod żbaljat, li l-kundizzjonijiet skont it-Taqsima 12(3) tal-AbgG għall-iżborż tal-allowance b’rata fissa kienu ġew issodisfati u għalhekk tat istruzzjonijiet biex il-pagamenti tas-salarju jsiru lill-membru tal-persunal (madwar EUR 14 850 b’kollox); billi, skont it-talba, Petr Bystron kien jaf b’dawk iċ-ċirkostanzi u għalhekk huwa suspettat li intenzjonalment għamel dikjarazzjoni falza;

C. billi Petr Bystron ġie elett fil-Parlament Ewropew fl-elezzjonijiet Ewropej ta’ Ġunju 2024 u ma kienx Membru tal-Parlament Ewropew fiż-żmien meta twettaq l-allegat reat;

D. billi l-allegat reat u t-talba sussegwenti għat-tneħħija tal-immunità ta’ Petr Bystron ma jikkostitwux u mhumiex relatati ma’ opinjoni espressa jew ma’ vot mitfugħ minnu fil-qadi ta’ dmirijietu skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

E. billi l-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, il-punt (a), tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li, waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-

immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tal-Istat Membru tagħhom;

F. billi l-Artikolu 46(2), (3) u (4) tal-Liġi Bażika tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja jipprevedi dan li ġej:

"(2) Membru ma jistax jinżamm responsabbli jew inkella arrestat għal reat kastigabbli mingħajr il-permess tal-Bundestag, sakemm ma jinqabadx fil-fatt iwettaq ir-reat jew inkella l-għada.

(3) Il-permess tal-Bundestag għandu jkun meħtieġ ukoll għal kwalunkwe restrizzjoni oħra tal-libertà tal-persuna tal-Membru jew biex jinbdew proċedimenti kontra Membru skont l-Artikolu 18.

(4) Kwalunkwe proċediment kriminali jew proċediment skont l-Artikolu 18 kontra Membru u kwalunkwe detenzjoni jew restrizzjoni oħra tal-libertà tal-persuna tiegħu għandhom jiġu sospiżi fuq talba tal-Bundestag.";

G. billi l-għan tal-immunità prevista fil-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea huwa li tipproteġi lill-Parlament u lill-Membri tiegħu minn proċedimenti ġudizzjarji fir-rigward ta' attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li huma inseparabbli minn dawk id-dmirijiet;

H. billi, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, l-immunità parlamentari mhix privileġġ personali ta' Membru imma garanzija tal-indipendenza tal-Parlament kollu kemm hu u tal-Membri tiegħu;

I. billi, f'dan il-każ, il-Parlament ma sab l-ebda evidenza ta' *fumus persecutionis*, jiġifieri elementi fattwali li jindikaw li l-proċedimenti ġudizzjarji sottostanti inkwistjoni kellhom l-intenzjoni li jimminaw l-attività politika tal-Membru fil-kapaċità tiegħu bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

J. billi, minn naħa, il-Parlament ma jistax jitqies bħala qorti u, min-naħa l-oħra, il-Membru ma jistax, fil-kuntest ta' proċedura għat-tneħħija tal-immunità, jitqies bħala "akkużat"[2];

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Petr Bystron;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u lil Petr Bystron.

---

[2] Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 2019, *Briois* vs *Il-Parlament*, T-214/18, ECLI:EU:T:2019:266.